Sensiela Studji Soċjali
(*fil-gazzetta TAGĦNA T-TFAL*)

## Artiklu Numru 5: **Il-Fieldwork fil-Birgu**



Fil-Birgu nsibu belt marittima ta' importanza kbira. Il-kelma 'marittima' ġejja mill-kelma 'mare', li tfisser 'baħar'. Sa mill-eqdem żminijiet, biex tidħol Malta dejjem kien ikollok tgħaddi mill-Port il-Kbir, eżattament mill-Birgu.

Matul din is-sena skolastika (2013-14) id-Dipartiment tal-Kurrikulu qiegħed jagħti iktar valur liż-żjajjar edukattivi lejn il-Birgu. Permezz tal-iskema SSAR (*Social Studies Assessment Reorganization*) żjara edukattiva lejn il-Birgu se tiġi assessjata minn massimu ta' 20 marka, liema marka se tidher fuq ir-riżultat ta' nofs is-sena li jintbagħat lill-ġenituri.

Il-Birgu kiber fl-importanza tiegħu mal-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530. Il-belt ewlenija ta' dak iż-żmien kienet l-Imdina, imma l-Imdina kienet 'il bogħod mill-baħar. Il-Kavallieri kellhom flotta żgħira ta' madwar ħames xwieni. Dawn ix-xwieni kienu importanti biex jinġieb il-qamħ minn Sqallija u biex iżommu lill-għedewwa tal-Kavallieri 'l bogħod minn xtutna.

Bejn l-1530 u l-1565 il-Kavallieri għamlu proġetti kbar fil-Birgu. Fost l-oħrajn huma saħħew il-Kastell Sant' Anġlu, bnew sptar kbir (illum il-Kunvent tas-sorijiet), dawru l-belt bis-swar, bnew tmien bereġ, waħda għal kull lingwa li kellhom, u bnew il-knisja konventwali li ddedikaw lil San Lawrenz.

Il-Kavallieri użaw ix-xwieni tagħhom biex ifixklu l-kummerċ tax-xwieni tat-Torok Ottomani. Din kienet ir-raġuni prinċipali għala t-Torok Ottomani attakkaw lil Malta fl-1565. Dan l-attakk baqa' magħruf bħala l-Assedju l-Kbir.

### Xi postijiet ta' nteress fil-Birgu

1. Is-swar
2. Il-*Couvre Porte*
3. L-Università tal-qamħ
4. Il-Kunvent u l-Knisja ta' San Duminku
5. Il-Palazz tal-Inkwiżitur
6. Il-*Collachio*
7. Il-Bereġ
8. Is-*Sacra Infermeria* (l-isptar antik tal-kavallieri)
9. Il-monument tal-Vitorja (Misraħ ir-Rebħa)
10. Il-Knisja ta' San Lawrenz
11. Il-Mużew ta' La Valette
12. Il-Monument tal-Ħelsien
13. Il-Mużew Marittimu
14. Il-Manderaggio
15. Il-Kastell Sant' Anġlu

Il-Birgu lagħab parti importanti fl-Assedju l-Kbir tal-1565. It-Torok ma setgħux jirbħu lill-Birgu. Għalhekk wara l-Assedju l-Birgu ħa t-titlu ta' *Città Vittoriosa*, li tfisser 'Belt Rebbieħa'.

Bħala preparazzjoni għaż-żjara edukattiva lejn il-Birgu, ġew ippreparati dawn ir-riżorsi:

- żewġ *video clips* qosra; il-*video clips* isegwu l-istess rotta li għandu jieħu l-*fieldwork*. Il-filmati jistgħu jiġu mniżżla minn fuq l-Internet hekk (a) Il-Birgu, l-ewwel parti: http://www.youtube.com/watch?v=WFUCyyLxOJ0 (b) Il-Birgu, it-tieni parti: http://www.youtube.com/watch?v=4lbha2sfUdE
- sett fieldwork notes biex jinħadmu fuq is-sit taż-żjara, jiġifieri fl-Imdina; dawn jistgħu jitniżżlu minn: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/schoolnet/Year5/yr5-birgu-fieldwork.pdf



Inħeġġu lill-għalliema u anke lill-ġenituri, biex dawk li għażlu l-Imdina jew iċ-Ċittadella bħala bażi għall-SSAR, isibu mezz kif huma wkoll imorru sal-Birgu u jaħdmu l-fieldwork. Nistiednu anke lill-għaqdiet li jaħdmu mat-tfal biex meta jorganizzaw ħarġiet għall-membri tagħhom, jinkludu wkoll lill-Birgu fl-iskeda tagħhom.

*Tony Pace*
Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja